# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' April 2021**

**Rik. Div. Nru : 384/2020 JPG**

**Kawza Nru : 10**

**ED**

**U**

**MB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' ED u MB datat 5 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-knisja ta' Santa Barbara il-Kalkara u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument A'.*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa mill-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-*

*Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, r-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqhekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;
Rat in-Nota tal-kontendenti datata 9 ta' April 2021;
Rat id-digriet taghha datat 16 ta' April 2021;
Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;
Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;
Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MB** xehdet (vide affidavit fol 20) illi hi zzewget lil ED nhar it-28 ta' Gunju 2013. Sostniet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Josef Masini Vento nhar l-14 ta' Gunju 2016. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm arretrati ta' manteniment dovuti.

**ED** xehed (vide affidavit fol 21) u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu***

***infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Gunju 2013, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1706/2013 (Vide ic-certifikat taz-zwieg Dok A a fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Masini Vento nhar l-14 ta' Gunju 2016 (vide Dok B, kuntratt tas-separazzjoni fol 5 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Il-provi juru illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1706/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjez ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**